MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-18 ta' Jannar, 2012

Citazzjoni Numru. 1166/2011

Joseph **MANDUCA,** kif ukoll Bernard Manduca, Mary Louise armla ta’ Anthony Manduca, Therese mart Charles Calleja, Jean Manduca, Raymond Manduca, David Herbert Manduca, Helen mart Joseph Leone Ganado, Angele mart Ovidio Vella, Margerita Manduca u Louis Manning ġia Manduca

**vs**

**BARJOLA (REAL ESTATE) LIMITED** (C-17670)

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq bil-proċedura sommarja speċjali fl-24 ta’ Novembru, 2011, li bih ir-rikorrenti, għar-

raġunijiet hemm imfissra, talbu a) li din il-Qorti taqta’ l-kawża mingħajr smigħ għall-finijiet tal-artikolu 167 sa 170 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta; u b) li l-Qorti tikkundanna lis-soċjeta’ mħarrka biex tħallashom s-somma ta’ disgħa u sittin elf, tmien mija u sittin euro u tnejn u sittin ċenteżmu (€69,860.62) li tirrappreżenta l-bilanċ minn somma akbar dovuta minnha lilhom skond kitba privata ta’ kostituzzjoni ta’debitu tal-erbatax (14) ta’ Lulju, 2009 (Dok “B”). Talbu wkoll il-ħlas tal-imghax legali b’seħħ mid-29 ta’ Jannar, 2010, sal-jum tal-ħlas effettiv u l-ispejjeż;

Rat illi l-atti tar-Rikors ġew debitament notifikati lill-kumpannija intimata li naqset li tidher meta ssejħet il-kawża, u hekk baqghet kontumaċi;

Semgħet l-Avukat tal-atturi waqt is-smigħ tal-lum;

Eżaminat l-atti tar-Rikors;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-Rikors jirriżultaw pruvati;

Fil-kontumaċja tas-soċjeta’ intimata tiddeċiedi billi:

1) **Tilqa’ l-ewwel talba tal-atturi** u taqta’ l-kawża mingħajr is-smigħ;

2) **Tilqa’ t-tieni talba** u tikkundanna lis-soċjeta’ mħarrka tħallas lill-atturi s-somma ta’ disgħa u sittin elf, tmien mija u sittin euro u tnejn u sittin ċenteżmi (€69,860.62) rappreżentanti l-bilanċ minnha lilhom dovut skond il-kitba fuq imsemmija, flimkien mal-imgħaxijiet legali fuq l-imsemmija somma b’seħħ mid-29 ta’ Jannar, 2010, sal-jum tal-ħlas effettiv.

3) **Tikkundanna** lis-soċjeta' mħarrka tħallas l-ispejjeż tal-kawża.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------